MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 559/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Maria Victoria Sultana (K.I. 40157M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenutA ghall-hlas ta' mitejn w wiehed u disghin ewro u erbghin centezmi (€291.40) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta' (telefonija -2152 1542) skont diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati Dok A.

Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mill-21 ta' Mejju, 2007 kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010 mill-Avukat Dr.Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------